A.L. 48 ta' l-2000

ATT TA' L-1994 DWAR L-AMMINISTRAZZJONI TAT-TAXXA (KAP. 372)

Regoli ta' l-2000 dwar it-Taxxa Provviżorja (P.T.)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 57 u bis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 42 ta' l-Att ta' l-1994 dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Ministru tal-Finanzi għamel ir-regoli li ġejjin:–

1. Dawn ir-Regoli jissejħu r-Regoli ta' l-2000 dwar it-Taxxa Provviżorja (P.T.). Titolu.

2. (1) F'dawn ir-Regoli, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra: Tifsir.

"*benchmark* tal-P.T." tfisser l-ammont stabbilit skond ir-regola 6, 7, 8 jew 9 ta' dawn ir-Regoli, skond liema minnhom tkun applikabbli;

"ħlas tal-P.T." tfisser ħlas ta' taxxa provviżorja li hu meħtieġ li jsir skond ir-regola 3 ta' dawn ir-Regoli;

"perijodu bażi" tfisser perijodu ta' tnax-il xahar li jispiċċa fil-31 ta' Diċembru jew, f'każ ta' persuna li tħallas it-taxxa provviżorja li jkun ingħatalha permess li tagħlaq il-kontijiet tagħha sa xi data oħra skond id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 11 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, f'dik id-data l-oħra; Kap. 123.

"persuna li tħallas it-taxxa provviżorja" tfisser u tinkludi, kemm-il darba l-Kummissarju ma jiddeċidix mod ieħor permezz ta' avviż bil-miktub, kull persuna li matul il-perijodu bażi tkun:

(a) kumpannija;

(b) individwu li kien soġġett għat-taxxa f'Malta għas-sena ta' stima *benchmark* relattiva iżda eżkluż kull individwu li kien jikkwalifika għall-għazla skond l-artikolu 12 ta' l-Att dwar is-sena ta' stima *benchmark*;

(ċ) persuna li ma hix kumpannija jew individwu;

"sena ta' stima *benchmark*" għar-rigward ta' perijodu bażi tfisser dik li tkun l-aktar tard minn:

(a) is-sena ta' stima 1999; u

(b) l-aħħar sena ta' stima li kellu jintbagħat prospett ta' taxxa dwarha qabel il-bidu tas-sena kalendarja li fiha jkun dovut l-ewwel ħlas tal-P.T. għal dak il-perijodu bażi;

"taxxa provviżorja" tfisser it-taxxa provviżorja mħallsa jew li għandha titħallas skond dawn ir-Regoli jew skond ir-Regoli ta' l-1973 dwar il-ħlas ta' Taxxa Provviżorja (P.T.).

A.L. 10 ta' l-1973.

(2) Ħlief meta jkun provdut xort'oħra, u kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra, kliem u espressjonijiet użati f'dawn ir-Regoli għandhom l-istess tifsiriet u interpretazzjonijiet li għandhom skond l-Att u l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*.

Responsabbilità għat-taxxa provviżorja.

3. (1) Kull persuna li tħallas it-taxxa provviżorja għandha tagħmel ħlasijiet ta' taxxa provviżorja matul kull perijodu bażi li jispiċċa fil-31 ta' Jannar, 2000 jew wara akkont tar-responsabbiltà tagħha għat-taxxa għas-sena ta' stima li tibda fl-1 ta' Jannar tas-sena li tiġi minnufih wara dik li fiha jagħlaq il-perijodu bażi msemmi.

(2) Ħlasijiet tal-P.T. għandhom isiru fl-ammonti u fiż-żminijiet stabbiliti f'dawn ir-Regoli.

(3) L-ammont ta' kull ħlas tal-P.T. dovut taħt dawn ir-Regoli għandu jkun l-ammont stabbilit skond id-dispożizzjonijiet applikabbli miżjud jew imnaqqas għad-dritt lejn l-eqreb lira.

Dati meta jkun dovut il-ħlas.

4. (1) Ħlasijiet tal-P.T. huma dovuti fit-30 ta' April, fil-31 ta' Awissu u fil-21 ta' Diċembru ta' kull perijodu bażi.

(2) L-ewwel ħlas tal-P.T. għal perijodu bażi ta' persuna li tħallas it-taxxa provviżorja huwa dak li jkun dovut f'dik id-data minn dawk it-tlieta msemmija li tiġi l-ewwel matul dak il-perijodu bażi u l-ordni tal-ħlasijiet l-oħra tal-P.T. jiġi stabbilit b'dan il-mod.

Ammont ta' taxxa provviżorja.

5. Ħlief meta hu provdut xort'oħra f'dawn ir-Regoli t-total tal-ħlasijiet tal-P.T. matul perijodu bażi għandu jkun mhux inqas mill-*benchmark* tal-P.T. u għandu jitħallas kif ġej –

(a) mhux inqas minn għoxrin fil-mija tal- *benchmark* tal-P.T. għandu jitħallas sad-data li fiha jkun dovut l-ewwel ħlas tal-P.T.;

(b) mhux inqas minn tletin fil-mija oħra tal-*benchmark* tal-P.T. għandu jitħallas sad-data li fiha jkun dovut it-tieni ħlas tal-P.T.;

(ċ) mhux inqas minn ħamsin fil-mija oħra tal-*benchmark* tal-P.T. għandu jitħallas sad-data li fiha jkun dovut it-tielet ħlas tal-P.T.

Benchmark tal-P.T.

6. (1) Ħlief meta hu provdut xort'oħra f'dawn ir-Regoli il-*benchmark* tal-P.T. ta' persuna li tħallas it-taxxa provviżorja għal perijodu bażi jiġi stabbilit billi jittieħed l-ammont ta' taxxa li għandu jitħallas, jekk ikun hemm, għas-sena ta' stima *benchmark* kif muri fl-istima personali ta' dik il-persuna li tħallas it-taxxa provviżorja għal dik is-sena u kkalkolat skond id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 10 ta' l-Att u tingħadd lura t-taxxa provviżorja meqjusa fl-imsemmija stima personali.

(2) Għall-fini ta' din ir-regola ma jitteħidx kont ta' kull prospett ieħor mibgħut skond l-artikolu 13 ta' l-Att wara l-bidu tax-xahar li jiġi minnufih qabel dak li fih ikun dovut l-ewwel ħlas tal-P.T. għal dak il-perijodu.

Il-*benchmark* tal-P.T. f'każ fejn ma tkunx intbagħtet stima personali.

7. (1) Meta persuna li tħallas it-taxxa provviżorja ma tkunx bagħtet, qabel il-bidu tax-xahar li jigi minnufih qabel dak li fih ikun dovut ħlas tal-P.T., stima personali għas-sena ta' stima *benchmark* relattiva il-*benchmark* tal-P.T. għal dak il-ħlas partikolari jiġi stabbilit kif gej:–

(a) jekk il-Kummissarju jkun għamel determinazzjoni dwar it-taxxa li għandha titħallas minn dik il-persuna li tħallas it-taxxa provviżorja għas-sena ta' stima msemmija skond is-subartikolu (3) ta' l-artiklu 31 ta' l-Att u jkun ta avviż ta' dik id-determinazzjoni lil dik il-persuna li tħallas it-taxxa provviżorja qabel il-bidu tax-xahar li fih ikun dovut l-imsemmi ħlas tal-P.T. il-*benchmark* tal-P.T. għandu jiġi stabbilit billi jittieħed l-ammont li jidher f'dik id-determinazzjoni bħala l-ammont ta' taxxa li għandu jitħallas u tingħadd lura t-taxxa provviżorja, jekk ikun hemm, li tkun ġiet meqjusa f'dik id-determinazzjoni;

(b) jekk id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (a) ta' dan il-paragrafu ma japplikawx il-*benchmark* tal-P.T. għandu jkun ammont stabbilit bil-mod imsemmi fir-regola 6 ta' dawn ir-Regoli ħlief li r-referenza f'dik ir-regola għas-sena ta' stima *benchmark* għandha tiftiehem bħala referenza għall-aħħar sena ta' stima li tkun intbagħtet stima personali dwarha qabel il-bidu tax-xahar li jiġi minnufih qabel dak li fih il-ħlas tal-P.T. in kwistjoni jkun dovut u li tkun sena ta' stima li tiġi qabel is-sena ta' stima *benchmark*;

(ċ) jekk il-Kummissarju ma jkunx għamel determinazzjoni li għaliha japplika l-paragrafu (a) ta' dan il-paragrafu u l-persuna li tħallas it-taxxa provviżorja ma tkunx bagħtet stima personali li għaliha japplika l-paragrafu (b) ta' din ir-regola il-*benchmark* tal-P.T. jkun xejn.

(2) Meta l-*benchmark* tal-P.T. dwar xi ħlas tal-P.T. li kien dovut matul perijodu bażi jkun ġie stabbilit skond xi waħda mid-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (1) ta' din ir-regola u minħabba li tkun intbagħtet stima personali dak il-paragrafu ma jkunx applikabbli għal ħlas tal-P.T. li jkun dovut iktar tard fl-istess perijodu, il-*benchmark* tal-P.T. għal dak il-perijodu għandu jigi kkalkolat mill-ġdid fuq il-bażi ta' dik l-istima personali kif provdut fir-regola 6 ta' dawn ir-Regoli. Il-*benchmark* tal-P.T. li jkun ġie kkalkolat mill-ġdid għandu japplika u jitqies li dejjem kien japplika għall-finijiet kollha ta' dawn ir-Regoli, izda bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tar-regola 10, dwar il-ħlasijiet kollha tal-P.T. għal dak il-perijodu.

(3) Id-dispożizzjonijiet ta' hawn aktar qabel ta' din ir-regola huma bla ħsara għas-setgħat tal-Kummissarju li jieħu passi għall-ġbir ta' taxxa provviżorja li tkun dovuta f'ammont ikkalkolat taħt id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (1) qabel ma jkun dovut li jsir kalkolu mill-ġdid skond il-paragrafu (2).

Persuni ġodda li jħallsu t-taxxa.

8. (1) Il-*benchmark* tal-P.T. dwar taxxa provviżorja li għandha titħallas akkont ta' l-ewwel sena ta' stima ta' persuna li tħallas it-taxxa provviżorja li ma tkunx individwu huwa xejn.

(2) Il-*benchmark* tal-P.T. dwar taxxa provviżorja li għandha titħallas akkont tat-tieni sena ta' stima ta' persuna li tħallas it-taxxa provviżorja li ma tkunx individwu jiġi stabbilit bil-mod imsemmi fir-regola 6 ta' dawn ir-Regoli ħlief li:

(a) ir-referenza għas-sena ta' stima *benchmark* għandha tiftiehem bħala referenza għall-ewwel sena ta' stima ta' dik il-persuna li tħallas it-taxxa provviżorja; u

(b) ir-referenzi għal stima personali għandhom jiftiehmu bħala referenzi għal kalkolu magħmul minn dik il-persuna li tħallas it-taxxa provviżorja fuq il-bażi tal-kotba tagħha bl-istess mod ta' kif tiġi kkalkolata stima personali.

Setgħa tal-Kummissarju li jistabbilixxi l-*benchmark* tal-P.T. f'każ ta' amalgamazzjonijiet u qsim ta' kumpanniji.

9. (1) Meta l-Kummissarju jidhirlu li b'riżultat ta' amalgamazzjoni ta' kumpanniji jew qsim ta' kumpannija it-total tal-*benchmarks* tal-P.T. għal perijodu jew perijodi bażi tal-kumpanniji involuti fl-amalgamazzjoni jew il-qsim ikkalkolati skond id-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dawn ir-Regoli ikun, jew se jkun, inqas mill-

ammont li kien jirriżulta kieku dik l-amalgamazzjoni ma saretx jew ma ssirx jew dak il-qsim ma sarx jew ma jsirx huwa jista' b'ordni bil-miktub jistabbilixxi l-*benchmark* tal-P.T. għal kull waħda minn dawk il-kumpanniji jew għalihom kollha għall-perijodu jew perijodi bazi in kwistjoni f'ammonti li fil-fehma tiegħu jikkumpensaw għal dak in-nuqqas.

(2) Minkejja dak kollu li jinsab f'dawn ir-Regoli, iżda bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tar-regola 10 ta' dawn ir-Regoli, il-*benchmark* tal-P.T. stabbilit skond il-paragrafu (1) ta' din ir-regola għandu japplika matul il-perijodu jew perijodi bażi in kwistjoni mid-data li fiha jingħata avviż ta' dak l-ordni lill-kumpannija rispettiva.

Tnaqqis fil-benchmark tal-P.T.

10. (1) Meta persuna li tħallas it-taxxa provvižorja jidhrilha li t-taxxa li għandha titħallas għal sena ta' stima (hawn iżjed 'l isfel f'dawn ir-Regoli msejħa "t-taxxa għas-sena kurrenti") tkun inqas mill-*benchmark* tal-P.T. għall-perijodu bażi relattiv, hija tista' tagħzel li tnaqqas l-ammont li għandu jitħallas bħala taxxa provvižorja matul dak il-perijodu bażi sa ammont li ma jkunx inqas mit-taxxa għas-sena kurrenti.

(2) L-għażla msemmija fil-paragrafu (1) għandha ssir billi tintbagħat lill-Kummissarju l-formola preskritta fl-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-Regoli u tista' ssir iżjed minn darba fl-istess perijodu bażi.

(3) L-ammont ta' kull ħlas tal-P.T. li jkun dovut matul perijodu bażi wara li tkun saret għażla kif jingħad hawn aktar qabel dwar dak il-perijodu għandu jkun l-inqas minn:

(a) l-ammont dovut skond ir-regola 5 ta' dawn ir-Regoli; u

(b) l-ammont li bih it-taxxa għas-sena kurrenti teċċedi, jekk ikun il-każ, it-total tat-taxxa provvižorja li tkun tħallset qabel għall-perijodu bażi in kwistjoni.

Stima tat-taxxa li għandha titħallas mill-persuna li tħallas it-taxxa provvižorja.

11. Għall-fini tar-regola 10 u bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tar-regola 12 ta' dawn ir-Regoli t-taxxa għas-sena kurrenti għandha provvižorjament titqies li tkun ammont stabbilit bil-mod imsemmi fir-regola 6 ta' dawn ir-Regoli ħlief li:

(a) ir-referenza għas-sena ta' stima *benchmark* għandha tiftiehem bħala referenza għas-sena ta' stima li jkun dovut akkont tagħha l-ħlas tal-P.T. in kwistjoni;

(b) ir-referenzi għal stima personali għandhom jiftiehmu bħala referenzi għal kalkolu magħmul fuq stima ta' dik il-persuna li tħallas it-taxxa provviżorja fiż-żmien li ssir l-għazla.

Reviżjoni ta' stima.

12. (1) L-ammont li jitqies provviżorjament bħala t-taxxa għas-sena kurrenti skond ir-regola 11 ta' dawn ir-Regoli għandu jiġi rivedut bil-mod provdut fil-paragrafu (2) ta' din ir-regola meta:

(a) tintbagħat stima personali lill-Kummissarju għas-sena ta' stima in kwistjoni; jew

(b) il-Kummissarju jagħmel determinazzjoni skond is-subartikolu (3) ta' l-artikolu 31 ta' l-Att dwar it-taxxa li għandha titħallas għas-sena ta' stima in kwistjoni u jagħti avviż ta' dik id-determinazzjoni lill-persuna li tħallas it-taxxa provviżorja.

(2) Meta tkun trid issir reviżjoni skond il-paragrafu (1) ta' din ir-regola it-taxxa għas-sena kurrenti għall-finijiet tar-regola 10 ta' dawn ir-Regoli għandha titqies li tkun, u li dejjem kienet, l-ammont li jirriżulta bħala l-ammont li għandu jitħallas skond l-istima personali jew id-determinazzjoni, skond ma jkun il-każ, u d-dispożizzjonijiet tar-regola 14 ta' dawn ir-Regoli għandhom jiftiehmu b'dan il-mod.

Imputazzjoni ta' ħlasijiet, tpaċija u ħlas lura ta' taxxa provviżorja.

13. (1) It-taxxa provviżorja li titħallas għal perijodu bażi għandha tmur għall-ħlas ta' kull taxxa provviżorja għal dak il-perijodu li jkun qabel dovut u kull ammont żejjed għandu jmur għall-ħlas ta' taxxa provviżorja għal dak il-perijodu li jkun għadu mhux dovut.

(2) It-taxxa provviżorja li titħallas minn persuna li tħallas it-taxxa provviżorja akkont tar-responsabbiltà tagħha għal sena ta' stima għandha titpatta għall-fini tal-ġbir mat-taxxa imposta għas-sena ta' stima msemmija u jekk ikun hemm xi ammont żejjed wara li ssir dik it-tpaċija dak iż-żejjed għandu jitħallas lura skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 48 ta' l-Att.

Taxxa addizzjonali.

14. (1) Meta xi taxxa provviżorja li għandha titħallas skond dawn ir-Regoli ma titħallasx fiż-żmien meta tkun dovuta, għandha tiġi imposta taxxa addizzjonali kif provdut fl-artikolu 44 ta' l-Att f'ammont ta' wieħed fil-mija tat-taxxa provviżorja li ma tkunx tħallset għall kull xahar jew parti minn xahar li fih dik it-taxxa tibqa' mhux imħallsa.

(2) Ma tiġix imposta aktar taxxa addizzjonali fuq taxxa provviżorja li ma tkunx tħallset għal kull xahar li jibda wara d-data ta' *settlement* tat-taxxa għas-sena ta' stima li kienet dovuta akkont tagħha dik it-taxxa provviżorja.

(3) Minkejja d-dispożizzjonijiet tar-regola 13 ta' dawn ir-Regoli l-ammont ta' taxxa provviżorja li kien ikun jista' jitpatta skond il-paragrafu (2) ta' dik ir-regola mat-taxxa imposta għal sena ta' stima għandu l-ewwel imur għall-ħlas tat-taxxa addizzjonali, jekk ikun hemm, dovuta fid-data u sad-data ta' *settlement* tat-taxxa dwar dik is-sena ta' stima u l-ammont li jkun jista' jitpatta għandu jitnaqqas b'dak il-mod.

(4) Kull taxxa addizzjonali fuq taxxa provviżorja li ma titħallasx kif provdut fil-paragrafu (3) ta' din ir-regola għandha titqies bħala taxxa dovuta għas-sena ta' stima li tkun dovuta akkont tagħha it-taxxa provviżorja msemmija u d-dispożizzjonijiet ta' l-Atti dwar it-Taxxa fuq l-*Income* dwar il-ġbir u l-ħlas tat-taxxa għandhom japplikaw għall-ġbir u l-ħlas ta' dik it-taxxa addizzjonali.

(5) Id-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' din ir-regola huma bla ħsara għas-setgħat tal-Kummissarju li jieħu passi għall-ġbir ta' kull taxxa addizzjonali qabel id-data ta' *settlement* tat-taxxa msemmija fil-paragrafu (2) ta' din ir-regola.

Setgħat tal-Kummissarju f'kaz ta' bdil fid-data li fiha jingħalqu l-kontijiet.

15. Xejn minn dak li jinsab f'dawn ir-Regoli ma għandu jiftiehem li b'xi mod inaqqas is-setgħat mogħtija lill-Kummissarju taħt is-subartikolu (4) ta' l-artikolu 11 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*.

Kap. 123. Dispożizzjoni transitorja.

16. Meta, skond id-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dawn ir-Regoli, id-data li fiha jkun dovut xi ħlas tal-P.T. għal perijodu bażi li jagħlaq fl-2000 tkun data li tiġi fl-1999 dak il-ħlas għandu jitqies, sa kemm ma jkunx sar qabel, bħala dovut fit-30 ta' April, 2000 b'żieda ma' kull ħlas ieħor li jkun dovut f'dik id-data.

Thassir u riserva.

A.L. 10 ta' 1973.

17. Ir-Regoli ta' l-1973 dwar il-Ħlas tat-Taxxa Provviżorja (P.T.) huma b'dan revokati bla ħsara għal kull ħaġa li saret jew li naqset milli ssir taħthom: iżda dawk ir-Regoli għandhom jibqgħu japplikaw bis-sħiħ għar-rigward ta' kull ħlas ta' taxxa provviżorja li sar jew li kellu jsir akkont ta' taxxa imposta għal kull sena ta' stima li tiġi qabel is-sena ta' stima 2001.

B 348

SKEDA

(Regola 10)

FORMOLA GĦAL TNAQQIS FIL-P.T.

Skond ir-regola 10 tar-Regoli ta' l-2000 dwar Ħlas ta' Taxxa Provviżorja, jiena nagħżel li nnaqqas l-ammont li għandu jitħallas bħala taxxa provviżorja għall-perijodu bażi li jagħlaq fi _____.

Jiena nistma li l-ammont ta' taxxa li għandu jitħallas għall-perijodu bażi se jkun ta' Lm _____.

Niddikjara li naf bid-dispożizzjonijiet ta' l-imsemmija regoli u nifhem li nkun suġġett għal taxxa addizzjonali ta' 1% fuq l-ammont ta' P.T. li jibqa' mhux imħallas għal kull xahar kalendarju jew parti minnu li matulu t-taxxa provviżorja tibqa' mhux imħallsa.

Isem tat-*taxpayer* provviżorju									
Nru. ta' Referenza, Karta ta' l-Identità									
Indirizz									
Data									
Firma									
Nru. tal-Permess*									
**(fil-każ biss ta' persuni li, skond id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 11 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-"Income", għandhom il-permess li jagħlqu l-kontijiet tagħhom f'data li mhix il-31 ta' Diċembru)*									